MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2009

Appell Civili Numru. 439/2006/1

**Fish & Fish Limited u Malta Fishfarming Limited**

**v.**

1. **Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

2. **Direttur Generali Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd**

3. **L-Onorevoli Ministru tal-Affarijiet Rurali u Ambjent**

**4. Malta Centre for Fisheries u b'digriet tad-19 ta' Ottubru 2006 gie sostitwit bil-Fergha tas-Sajd u Akwakultura fid-Dipartiment tal-Affarijiet Veterinarji u Sajd**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat miz-zewg socjetajiet rikorrenti fis-16 ta' Mejju 2006 li jghid hekk:

"1. Illi l-atturi t-tnejn igawdu minn permess ta' zvilupp biex joperaw u jestendu sit ghal-'penning' tat-tuna, inkluz approvazzjoni tal-gageg involuti fit-trobbija tat-tuna u tal-ankrar tal-istess gageg, liema permessi jgibu n-numri, dawk tal-attur Fish & Fish Ltd PA00040/02 u dak tal-attur Malta Fishfarming PA021528/01, liema permessi jippermettu lill-attur sabiex ikabbru t-tuna fiz-zona ta' Hofra z-Zghira, u l-Munxara, f'Xrob l-Ghagin limiti ta' Marsaxlokk;

"2. Illi fil-permess lilhom moghti kien hemm fost hwejjeg ohra kundizzjoni li kienet tirrikjedi u tikkontempla l-possibilita` ta' rilokazzjoni tal-operazzjoni tat-tonn taghhom f'zoni differenti minn dawk lilhom permessi taht il-permess lilhom moghti;

"3. Illi l-konvenut direttur Generali Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd, b'applikazzjoni numru PA00087/04 kien applika sabiex jikkrea zona ghall-operazzjoni ta' rziezet tal-bahar ghat-trobbija tat-tonn fil-lokalita` ta' Marsaxlokk.

"4. Illi fit-22 ta' Dicembru, 2005 l-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar f'laqgha pubblika kienet hadet decizjoni biex jinhareg permess lill-konvenut Direttur Generali Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd fir-rigward tal-applikazzjoni tieghu fuq imsemmija biex tigi kreata zona ghall-operazzjoni ta' rziezet tal-bahar ghat-tobbija tat-tonn fl-ibhra fil-limiti ta' Marsascala.

"5. Illi wara tali decizjoni l-Awtorita` hija mifhuma li harget permess fuq din id-decizjoni favur l-imsemmi intimat Direttur Generali u l-atturi ma kienux gew bl-ebda

mod infurmati la bil-hrug tal-permess u lanqas bil-kundizzjonijiet taht liema l-istess permess kien inhareg.

“6. Illi fis-27 ta’ Dicembru, 2005, il-konvenut Direttur Generali sejjah lill-atturi ghal-laqgha u fl-14 ta’ Jannar, 2006 il-konvenut Direttur Generali wara din il-laqgha kien ordna lill-atturi biex jaghmlu dikjarazzjoni li huma kienu lesti jobdu l-kundizzjonijiet kollha imposti u jirrilokaw l-operazzjoni taghhom ghaz-zona gdida ndikata taht dawk il-kondizzjonijiet kollha indikati fl-istess ittra.

“7. Illi l-atturi rrispondew fis-sens indikat fl-ittra esebita mar-rikors u markata dokument A.

“8. Illi il-konvenut Direttur Generali kien rega’ kiteb lill-atturi fit-23 ta’ Frar, 2006 li huma ma kienux ottemperaw mal-kundizzjonijiet lilhom imposti sabiex jirrilokaw ghaz-zona gdida kif deciz mill-Awtorita` konvenuta.

“9. Illi dawn il-proceduri kollha kienu monki, irritwali u ***ultra vires*** il-poteri tal-fuq imsemmija konvenuti.

“10. Illi huwa evidenti li l-proceduri mehuda quddiem l-Awtorita` ghall-hrug tal-permess relattiv kienu intizi sabiex ibiddlu u effettivament biddlu l-kundizzjonijiet taht liema l-atturi kienu qeghdin jiffunzjonaw fl-operazzjoni taghhom, minghajr ma l-istess atturi ma kienu parti ghall-istess proceduri u dan bi ksur tad-dritt tal-istess atturi ghal smiegh xieraq skond il-ligi.

“11. Illi inoltre r-rilokazzjoni tal-operazzjoni tal-atturi rrizulta ma kenitx tammonta ghal semplici rilokazzjoni tal-operazzjoni taghhom f’zona differenti minn dik originarjament minnhom okkupata imma kienet intiza sabiex l-istess atturi minflok padruni tal-operazzjoni taghhom, isiru kuntratturi tad-Direttur Generali u b’hekk jitilfu d-drittijiet ta’ proprjeta` li huma kellhom fl-operazzjoni taghhom u sostanzjalment jinbidlu, b’konsegwenza ta’ dan, il-kundizzjoni taht liema huma kienu qeghdin jikkonducu l-operazzjoni taghhom.

"12. Illi tali tibdil kien ***ultra vires*** il-poteri fil-ligi sija tal-Awtorita` konvenuta kif ukoll tal-konvenut Direttur Generali u kienet tinvolvi t-telfien fis-sustanza tal-permess originarjament mahrug favur l-atturi b'mod li ma kienx kontemplat fl-istess permess, u ghalhekk sar bi ksur tal-ligijiet vigenti taht l-Att dwar l-Ippjanar.

"13. Illi fil-kors ta' dawn il-proceduri l-Awtorita` konvenuta ghazlet li ma tadottax il-procedura ta' Strategic Enviromental Assessment (SEA) imfassla mill-Unjoni Ewropeja, u kwindi applikabbli ghal pajjizna. Din il-procedura kienet giet adottata formalment mill-Unjoni Ewropeja f'Gunju 2001 permezz tad-Direttiva 2001/42/EC u l-pajjizi membri nghataw zmien sa Lulju 2004 biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva billi jimplimentaw mizuri idoneji. Din id-Direttiva kienet ghadha ma gietx implementata minn pajjizna u dan b'dannu evidenti ghall-esponenti. Skond in-normativa Ewropeja direttiva taghti drittijiet lic-cittadini enforzabbli kontra Stat Membru anke jekk l-istat koncernat ma jkunx adotta dik id-direttiva. (Case 148/78 Pubblico Ministero v. Tullio Ratti (1979) ECR 1629, (1980) 1 CMLR 96). L-oggettiv ta' din id-direttiva kienet dik li tippromwovi zvillup sostenibbli. Il-procedura rikjesta mid-Direttiva koncernata tirrikjedi fost ohrajn analizi approfondita tal-bzonnijiet tal-industriji affettwati. Ghalhekk meta kienet ghazlet li ma tadottax din il-procedura, l-Awtorita` kienet ghazlet li ma tezaminax is-sostenibbilta` tal-progett mil-lat ekonomiku. L-Awtorita` tiggustifika l-posizzjoni taghha billi tirreferi ghal "***projects not plans***" imma din id-distinzjoni ma ssib ebda konfort fir-realta`. Fl-assenza ta' politika Nazzjonali dwar l-akwakultura, l-intimati jridu jassoggettaw lill-operaturi esistenti ghall-permess mitlub u b'hekk inehhu l-bzonn li jadottaw politika nazzjonali. L-Awtorita` stess poggiet lilha nnifisha f'pozizzjoni fejn ma tistax tiggarantixxi d-drittijiet tal-esponenti u dan billi hi stess ghazlet li ma ssegwix id-direttiva in kwistjoni.

"14. Illi b'ittra ufficjali tat-12 ta' Dicembru, 2006 [recte 2005] l-atturi interpellaw lill-konvenuti biex jiddezistu milli jaghmlu l-affarijiet fuq imsemmija billi kienu levisa tad-drittijiet taghhom kif fuq inghad.

“15. Illi susegwentement meta dawn ma iddezistewx ipprezentaw kontra il-konvenuti mandat ta’ inibizzjoni numru izda inutilment.

“Ighidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex tiddikjara u tiddeciedi:

“1. li d-decizjoni ta’ l-Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar mehuda fit-22 ta’ Dicembru, 2005 wara l-applikazzjoni tal-konvenut Direttur Generali Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd, numru PA00087/04, sabiex tigi kkreata zona ghall-operazzjoni ta’ rziezet tal-bahar ghat-trobbija tat-tonn fil-lokalita` ta’ Marsascala u kwalsijasi hrug tal-permess konsegwenzjali kienu irriti u nulli billi ***ultra vires*** il-poteri tal-istess Awtorita` konvenuta u l-konvenuti l-ohra u mehuda bi ksur tad-dritt tal-atturi ghal smiegh xieraq f’dak kollu li kien jirrigwarda l-permess lilhom koncess u dan kif hawn fuq imfisser u dan ghat-tenur tal-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12.

“2. li d-decizjoni konsegwenzjali mid-Direttur Generali konvenut ghar-rilokazjoni tal-operazzjoni tal-atturi fiz-zona hekk determinata hija wahda abusiva u bi ksur tal-istess kundizzjonijiet tal-permess lill-atturi mahrug kif fuq inghad.

“Salv kull dritt ulterjuri spettanti lill-atturi ghad-danni u ghall-vjolazzjoni da parti tal-konvenuti tad-drittijiet fundamentali taghhom.

“Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.”

Rat ir-risposta tal-Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u Ippjanar (fol. 17) li in forza taghha wiegbet fis-sens li:
“1. Illi preliminarjament jigi eccepiet illi dina l-Qorti m’ghandhiex gurisdizzjoni sabiex tisma’ din il-kawza u dan a tenur tas-subartikolu (4) ta’ l-artikolu 469A tal-Kap 12.

“2. Illi fil-mertu jinghad illi f’kull stadju tal-ipprocessar tal-applikazzjoni PA87/04, il-MEPA qdiet il-funzjonijiet taghha skond il-Ligi u ghaldaqstant kienet giet segwita l-procedura normali u applikabbli.

"3. Illi kif intqal anke fir-risposta tal-MEPA ghall-mandat ta' inibizzjoni numru 1996/05GV (li jkun opportun li jigu allegati l-atti ta' dan il-mandat), dan il-permess bl-ebda mod ma kien ivarja xi kundizzjoni li s-socjetajiet rikorrenti kellhom fil-permessi mahruga favurihom. Dan il-permess kien ***"development of an acquaculture zone south-east of Malta"*** kif juri l-istess dokument dwar l-applikazzjoni sottomess mill-istess rikorrenti.

"4. Illi l-permessi tar-rikorrenti kienu jispecifikaw illi l-facilitajiet taghhom kellhom jigu rilokati. Huwa fatt maghruf illi l-***'policy'*** tal-Awtorita` intimata hija li dawn il-facilitajiet tar-rikorrenti jigu rilokati, kif fil-fatt kien jghid l-istess permess tar-rikorrenti. Izda jekk tali rilokazzjoni kien ser ikollha konsegwenzi negattivi fuq ir-rikorrenti jew le, din kienet materja li ma kellha x'taqsam xejn ma' dan il-permess u ghalhekk id-drittijiet civili tas-socjetajiet rikorrenti ma kellhomx jigu pegudikati irrimedjabilment b'dan il-permess. Meta kienu qeghdin jigu processati l-applikazzjonijiet tar-rikorrenti u konsegwentement meta kienu nghataw il-permessi relattivi, dawn kienu ben konxji tal-fatt illi huma kienu ser jigu rilokati.

"5. Illi waqt l-ipproccessar tal-applikazzjoni PA87/04, kien sar ukoll Studju dwar l-Impatt Ambjentali liema studju evalwa l-bosta impatti ta' dina l-applikazzjoni skond ir-Regolamenti dwar l-Istudju kien gie certifikat mill-istess Awtorita` intimata.

"6. Illi a rigward l-allegazzjoni fuq id-Direttiva dwar ***"Strategic Eviroment Assessment"***, jekk is-socjetajiet rikorrenti kienu qed jikkontendu li kellu jsir dan l-istudju, liema fil-fatt ma kienx sar, is-socjetajiet rikorrenti kellhom jippruvaw il-ghaliex dan l-istudju kellu jsir.

"7. Illi finalment, is-socjetajiet kienu ben konxji tal-hrug tal-permess u ta' meta kienet inghatat id-decizjoni gjaladarba huma kienu ppruvaw jinibixxu tali tehid ta' decizjoni gurnata qabel ma kienet ser tigi dibattuta.

“8. Ghaldaqstant, l-Awtorita` intimata qdiet id-doveri taghha hekk kif kienu imposti mil-ligi u bl-ebda mod ma aggixxiet ***ultra vires*** il-poteri taghha meta ipprocessat l-applikazzjoni numru PA87/04.

“9. Salvi ecezzjonijiet ulterjuri.”

Rat ir-risposta tal-intimati l-ohra (fol. 203) li in forza taghha wiegbu fis-sens;
“1. Illi preliminarjament il-Ministru ta’ l-Affarijiet Rurali u Ambjent ma kienx il-leggitmu kontradittur f’din il-kawza u dan skond id-dispozizzjonijiet ta’ l-Artikolu 181B(1) tal-Kap 12 tal-Ligiiet ta’ Malta u ghalhekk kellu jinheles mill-osservanza tal-gudizzju.

“2. Illi preliminarjament ukoll, ic-Centru Malti tas-Sajd mhux persuna legali, u kien trasformat fil-Fergha tas-Sajd u Akwakultura fl-istess Dipartiment tal-Affarijiet Veterinarji u Sajd.

“3. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suepost, in kwantu l-attur jittentaw jattakkaw decizjoni tal-Awtorita` dwar l-Ambjent u l-Ippjanar permezz ta’ azzjoni taht l-artikolu 469A tal-Kap 12, meta fil-fatt dik id-decizjoni kienet mertu ta’ proceduri sa stadju ta’ appell quddiem l-istrutturi ta’ appell tal-istess Awtorita` (u anke setghet telghet quddiem il-Qorti tal-Appell), kien jidher car li r-rikorrenti permezz ta’ din l-azzjoni, qed jittentaw jaslu fejn ma rnexxielhomx jaslu bil-procedura t’appell quddiem l-Awtorita`. Ghalhekk din l-azzjoni ma kenitx proponibbli ai termini tal-artikolu 469A(4) tal-Kap 12.

“4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost, fil-mertu, l-intimati Onorevoli Ministru ghall-Affarijiet Rurali u Ambjent u d-Direttur Generali f’kull stadju kienu agixxew fil-limiti tal-poteri li taghtihom il-ligi u ghalhekk ma kienu wettqu l-ebda agir ***ultra vires***.

“5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost, l-intimati kienu agixxew dejjem skond il-permessi mahruga lilhom mill-Awtorita` dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, liema

permessi kienu nhargu wkoll skond il-Ligi u wara studju xjentifiku, inkluz wara li kien ezaminat bir-reqqa Environment Impact Assessment, Dwar dan l-***Assessment***, id-Divizjoni kienet imxiet fuq istruzzjonijiet ta' l-Awtorita` Maltija dwar l-Ambjent u l-Ippjanar izda fl-istess waqt l-imsemmija EIA kienet saret b'reqqa u b'dettall kbir biex jigu evelwati l-effetti li potenzjalment setghu kienu negattivi.

"6. Illi fil-mument tal-hrug tal-permess taghhom minghand l-Awtorita` dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, is-socjetajiet rikorrenti kienu diga jafu bil-possibilta` ta' rilokazzjoni, u ghalhekk l-allegazzjoni li huma kienu sajmin ghal kollox dwar din il-possibilta` ma kenitx minnha. Fil-fatt wara li kien ezaminat l-***Environment Impact Assessment*** mal-applikazzjoni min-naha tal-Gvern ghal permess ta' zvilupp ta' zona ta' akwakultura, kienet inhasset il-htiega li jkun ahjar jekk l-izvillup ghaz-zona ta' akwakultura fix-Xlokk ta' Malta li kienet giet ippublikata bhala sitt 6 km 'l barra mill-kosta ta' Xorb l-Ghagin, limiti ta' Marsaxlokk, jintuza biss il-parti lejn it-Tramuntana ta' din iz-zona. Il-parti l-maghzula kienet tigi eqreb lejn il-ponta ta' Zonqor milli Xrobb l-Ghagin, u hekk kien hemm il-bzonn ta' rilokazzjoni min-naha tar-rikorrenti.

"7. Illi fir-rigward tal-hrug tal-permessi mill-Awtorita` dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, il-procedura solita kienet li terzi persuni ma jkunux infurmati dwar il-permessi mahruga lil haddiehor, hlief permezz tal-mezzi tax-xandir u pubblikazzjonijiet ta' l-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar. Inoltre, is-socjetajiet rikorrenti kienu prezenti ghas-smigh pubbliku qabel ma kienet ittiehdet id-decizjoni li jinhareg il-permess favur id-Direttur Generali. Ghaldaqstant l-argument tar-rikorrenti illi ma kinux informati minn qabel mhux wiehed validu. Dwar dan il-punt jinghad ukoll li f'azzjoni dwar ghemil amministrattiv kif inhi din il-kawza, ma jista' jkun diskuss l-ebda punt dwar ksur tad-drittijiet tal-bniedem. Jinghad ukoll izda fil-fatt ta' dan il-kaz ma kien hemm l-ebda element ta' ksur tad-dritt fundamentali ta' smigh xieraq, anzi jinghad li r-rikorrenti kellhom kull opportunita` li jressqu l-ilment taghhom fi smigh pubbliku kif fil-fatt ghamlu.

“8. Illi l-intimat Direttur Generali kellu kundizzjoni fil-permess tieghu mahrug mill-intimata Awtorita` fis-sens li kellu fi zmien moghti lilu, jipprezenta pjan ta’ rilokazzjoni, liema kundizzjoni l-intimat Direttur Generali kellu obbligu legali li jsegwi. Kien minhabba din ir-raguni li kienet ntalbet minghand ir-rikorrenti dikjarazzjoni wara l-laqgha tas-27 ta’ Dicembru 2005, u ghalhekk tali talba kienet ghal kollox korretta u mehtiega.

“9. Illi fl-operat ta’ dipartimenti u azjendi pubblici spiss ikun hemm tibdil fir-regolamenti biex dejjem jitjieb l-operat tal-istess istituzzjonijiet u dejjem jitwettqu ahjar l-obbligi legali u obbligi ohra li jkollhom dawn l-istutizzjonijiet. Naturalment dan kien iwassal inevitabilment biex xi ftit jew wisq jinbidlu l-kundizzjonijiet tal-licenzji jew permessi ta’ l-operaturi. Di piu`, tali bdil fir-regolamenti kien parzjalment impost minn istituzzjonijiet internazzjonali bhal Unjoni Ewropea. Permess jew licenzja tkun valida ghal matul sena kalendarja wahda u kull min jopera f’dawn l-oqsma konxju li hemm bdil kontinwu, partikolarment f’dan il-kamp fejn irid jintalahaq ekwilibriju bejn l-operat u l-impotanza konsegwenzjali ekonomika, mas-sotenibilita` biologika, ekologija kif ukoll il-harsien tal-bijodiversita`. Ir-ikorrenti kienu biss padruni ta’ l-operazzjoni, li kienet regolata mit-Taqsima tas-Sajd, u li setghet tinbidel jew twaqqaf, dejjem fil-parametri tal-ligi, izda ma kienetx biss soggetta ghall-esigenzi u forzi tas-suq hieles biss.

“10. Illi fil-prezenti operazzjoni taghhom, r-rikorrenti ma kellhom l-ebda titolu ghas-sit li kienu qed juzaw. Difatti, prezentament huma kienu qieghdin biss juzaw is-sit b’toleranza, u kwindi l-argument tar-rikorrenti li tilfu d-drittijiet ta’ proprjeta` ma kellux bazi legali. Il-bahar u l-qiegh tieghu huma rizorsa ta’ Malta u jaghmlu parti mill-beni pubblici.

“11. Illi l-korrispondenza msemmija f’punti 7 u 9 tar-rikors tar-rikorrenti kienet turi li l-intenzjoni kienet li parti mis-sit approvat kien se jkun allokat lill-operaturi biex dawn

jissoktaw l-operat taghhom u jhallsu skond l-“area” f’metri kwadri li huma juzaw.

“12. Illi jinghad ukoll li fil-fatt id-Direttiva 2001/42 EC kienet inkorporata fil-ligi Maltija permezz tal-Avviz Legali 418 tal-2005.

“13. Illi mhux minnu li r-rilokazzjoni tar-rikorrenti kienet leziva tad-drittijiet tar-rikorrenti.

“Ghaldaqstant kien jidher car li l-pretensjonijiet tar-rikorrenti kienu infondati fil-fatt u fid-dritt u din il-Qorti kellha tichad it-talbiet tas-socjetajiet rikorrenti, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li gew ingunti ghas-subizzjoni taghhom.

“Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.”;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta’ April, 2007, li in forza taghha laqghet l-eccezzjoni tal-intimati li l-azzjoni kienet improponibbli ai termini tal-Artikolu 469A(4) tal-Kap. 12, u ddikjarat l-azzjoni attrici improponibbli, b’dan li ordnat li l-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjoniet:
“Illi fid-19 ta’ Ottubru, 2006 kien gie deciz li jsiru noti fuq l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u fuq l-ewwel, tieni, u tielet eccezzjoni tad-Direttur Generali Affarijiet Veterinarji u Sajd (gja` Direttur Generali Konservazzjoni u Kontroll Sajd), l-Onorevoli Ministru ta’ l-Affarijiet Rurali u Ambjent u c-Centru Malti tas-Sajd.

“L-artikolu 469A (4) tal-Kap 12 jghid hekk:

““Id-disposizzjonijiet ta’ dan l-artikolu ma ghandhomx japplikaw meta l-mod ta’ kontestazzjoni jew ta’ ksib ta’ rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jigi provdut dwaru f’xi ligi ohra.”

“Irrizulta li fis-sena 2001 kull wiehed mir-rikorrenti ottjena permessi mill-MEPA ghal ***fishfarm*** fil-bahar. Fost il-kundizzjonijiet kien hemm dik tal-possibilta` tat-traslok. Sussegwentement il-konvenut Direttur Generali ghall-Kontroll u Konservazzjoni tas-Sajd ottjena permess mill-MEPA ghal zona ta’ akwakultura b’din il-bicca bahar fejn kienu nhargu l-permessi fuq imsemmija. Sar appell mir-rikorrenti quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar liema appell gie michud u in segwitu sar appell quddiem il-Qorti ta’ l-Appell [sede Inferjuri]. Dan ghadu mhux appuntat. Sadanittant ir-rikorrenti ghandhom avvizi ta’ enforzar kontrihom fuq dawn is-siti li l-Appell quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar ghadu pendenti.

“Ghalhekk l-Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar sostniet li hemm nuqqas ta’ gurisdizzjoni ta’ din il-Qorti minhabba li r-rikorrenti ghadhom ma ezawrewx ir-rimedji ordinarji kollha disponibbli lilhom u li konsegwentement ma setghux jintavolaw il-proceduri odjerni qabel l-ohrajn jigu determinati. Ghaldaqstant l-Awtorita` sostniet li l-kawza odjerna hija nulla.

“In sostenn ta’ dan gew ikkwotati s-sentenzi hawn taht imsemmija:

- **John Cauchi vs Chairman Awtorita` ta’ l-Ippjanar** – Qorti tal-Appell 5/10/01;

- **Richard Zammit vs Chairman Awtorita` ta’ l-Ippjanar** – Qorti tal-Appell 21/5/02

- **Victor Attard vs Chairman Awtorita` ta’ l-Ippjanar** – Qorti tal-Appell 7/4/03

- **Pietru Pawl Borg et vs Chairman Awtorita` ta’ l-Ippjanar** – Qorti tal-Appell 8/5/03

- **Trimeg Limited vs Chairman Awtorita` ta’ l-Ippjanar** – Qorti tal-Appell 28/1/04.

“Bl-istess mod id-Direttur Generali Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd, l-Onorevoli Ministru tal-Affarijiet Rurali u Ambjent u Direttur Taqsima Fergha tas-Sajd u Akwakultura fid-Dipartiment tal-Affarijiet Veterinarji u Sajd sostnew l-improponibilita` ta’ din l-azzjoni. L-eghmil amministrattiv li r-rikorrenti attakkaw huwa ghemil tal-Awtorita` intimata stante li dan kien l-ghemil li minnu rrizultaw l-affarijiet l-ohra. Id-decizjoni tal-Awtorita` a tenur tal-ligi hija suggetta ghal diversi stadji ta’ appell a tenur tal-Ligi tal-Ippjanar. Ghamlu referenza ghall-ahhar zewg sentenzi kkwotati kif ukoll ghas-sentenza **Kunsill Lokali Birzebbugia vs Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar** deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fis-7/7/04.

“Fil-kawza **Tat-Taljan Co Ltd vs Awtorita` tal-Ippjanar et** deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fit-2 ta’ Novembru, 2001 [LXXXV-I-II-388] il-Qorti kienet qalet li:

““Minn dawn il-posizzjonijiet manifestament kontrastanti dwar l-interpretazzjoni tal-ligi specjali li tirregola l-ippjanar, kellu jkun aktar minn ovvju illi l-kontestazzjoni bejn il-kontendenti kien proprju dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' din il-ligi. Materji dawn li indubbjament jaqghu il-kompetenza esklussiva fl-ewwel lok tal-Bord ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar imwaqqaf b'dik il-ligi specjali u ultimament tal-Qorti ta' l-Appell li ghandha gurisdizzjoni esklussiva illi tiddetermina l-appelli mill-punti ta' dritt decizi mill-istess Bord li jigu lilha riferita. Certament l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-ligi f'dan il-kaz ma kinitx materja illi kellha fl-ewwel lok tigi sottomessa a gudizzju tal-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jigux minn xi parti attakkati bhala mhux skond il-Kostituzzjoni, il-ligi u regolarment li in forza taghha tkun agixxiet l-Awtorita`. L-applikazzjoni korretta tal-ligi prezunta bhala kostituzzjonalment korretta u maghha konformi kienet materja li taqa' qabel xejn fil-kompetenza tal-Qrati Ordinarji.

“Il-Qorti ikkonfermat id-decizjoni tal-Prim Istanza biex tiddeklina milli tkompli tisma' l-kawza stante li kien ghad hemm rimedji ordinarji quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar l-

Ippjanar jew Qrati Ordinarji skond l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12.”

“Dan ghalhekk juri car li Qorti Kostituzzjonali hasset li meta hemm ir-rimedji ordinarji quddiem il-Bord tal-Appelli jew il-Qrati ordninarji ma ghandhiex tidhol hi fl-ezami. Tali apprezzament fil-kaz tal-Qrati ordinarji jrid ikun bazat fuq l-artikolu 469A tal-Kap 12. Issa l-imsemmi artikolu 469A(4) jaghmilha cara li d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 469A m’ghandhomx japplikaw jekk hemm provvdut fuq il-punt sollevat f’xi ligi ohra. F’dan l-aspett hu importanti li wiehed isemmi dak li gie deciz fil-kawza deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta’ Jannar 2004 fl-ismijiet **Joseph Muscat et vs Chairman tal-Awtorita` tad-Djar et** (Citazz. 1447/96PS).

“(1) “Fil-fehma tal-Qorti, dan is-subartikolu (4) ta’ l-Artikolu 469A, biex jigi interpretat gustament, m’ghandhux jinghata interpretazzjoni restrittiva. L-eskluzjoni tal-gurisdizzjoni tal-Qorti, biex tistharreg l-ghemil amministrattiv, tkun gustifikata biss jekk il-Qorti tkun sodisfatta li, fil-prattika, persuna kellha rimedju effikaci u adegwat verament disponibbli ghaliha u hija irragonevolment ma utilizzatx tali proceduri disponibbli”;”

“Ara f’dan ir-rigward ukoll **Bunker Fuel Oil Company Limited et vs Paul Gauci u Planning Authority** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta’ Mejju 1998.

“Ukoll fis-sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili tad-29 ta’ Marzu 2004 fl-ismijiet **Dr. Philip Galea et vs Tigne` Development Co. Ltd. et** (Cit. Nru. 1682/99GV) intqal:

““L-Artikolu 469A(4) ma jghid xejn dwar din il-possibilità. Kull ma jghid huwa li jekk ligi ohra toffri rimedju l-Art 469A ma japplikax. Madanakollu il-Qorti tifhem li jekk ir-rimedju moghti minn Ligi ma jkunx disponibbli ghal xi raguni li mhiex fil-kontroll tal-parti interessata, l-Artikolu 469A ghandu japplika.”

“Infatti hija fuq il-bazi ta’ dawn is-sentenzi li r-rikorrenti sostnew li l-eccezzjoni tal-intimati mhix applikabbli.

Sostnew infatti li l-fatt wahdu li sar appell taht il-Kap 356 m'ghandux ikun fatali ghall-azzjoni odjerna ghax irid jigi stabbilit jekk kellhomx rimedji ghal-lanjanzi taghhom taht dik il-ligi. U infatti rreferew ghall-fatt li quddiem il-Bord tal-Appelli tal-Ippjanar l-appell gie dikjarat null waqt li f'dan l-istadju l-istess Awtorita` intimata qed teccepixxi n-nullita` tal-appell."

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjetajiet attrici, minnhom presentat fil-21 ta' Mejju 2007, li in forza tieghu, ghar-ragunijiet hemm premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti u b'hekk tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni tal-konvenuti u tordna l-prosegwiment tal-kawza skond il-ligi, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess intimati;

Rat ir-risposta tal-appell tad-Direttur Generali Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd, Onerevoli Ministru tal-Affarijiet Rurali u Ambjent, u Direttur Fergha tas-Sajd u Akwakultura fid-Dipartiment tal-Affarijiet Veterinarji u Sajd, presentata fit-12 ta' Gunju 2007, li in forza taghha, ghar-ragunijiet hemm premessi, talbu li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti appellati;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Mejju 2009 li permezz tieghu ordnat l-isfilz tar-risposta tal-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ghax giet prezentata barra mit-terminu;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-12 ta' Mejju 2009;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi s-socjetajiet attrici jgawdu minn permess mahrug mill-Awtorita` Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA) biex joperaw sit ghall-"penning" tat-tuna f'zoni partikolari fl-ibhra ta' barra Marsaxlokk. Fl-2004 id-Direttur Generali Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd talab u nghata

permess mill-istess MEPA sabiex jikkrea zona ghall-operazzjoni ta' rziezet tal-bahar ghat-trobbija tat-tonn fil-lokalita` ta' Marsaxlokk, u per konsegwenza talab lill-atturi jirrilokaw l-operazzjoni taghhom ghal zona gdida ndikata. L-atturi appellaw minn dan il-hrug ta' permess gdid a favur id-Direttur Generali Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd ghal quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, u ressqu wkoll dawn il-proceduri fejn qed jitolbu dikjarazzjoni li l-permess li harget il-MEPA lid-Direttur Generali Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd kien null u *ultra vires* il-poteri taghha.

B'decizjoni tat-8 ta' Novembru, 2006, l-imsemmi Bord iddikjara l-appell null u astjena milli jiehu konjizzjoni tieghu (ara fol. 215). Kontra din id-decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, l-atturi ressqu appell ghal quddiem din il-Qorti (Sede Inferjuri).

L-ewwel Qorti, f'dawn il-proceduri, giet mitluba biex ma tissindikax l-operat tal-MEPA fit-termini tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif kienu qed jitolbu r-rikorrenti. Din it-talba saret peress li, fit-termini tas-subartikolu (4) tal-imsemmi 469A, dak l-artikolu ma japplikax meta il-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju quddiem qorti jew tribunal jigi provdut dwaru f'xi ligi ohra.

L-ewwel Qorti laqghet din l-eccezzjoni biex ma tissindikax l-operat tal-MEPA f'dan il-kaz peress li qieset li kontra d-decizjoni tal-Bord tal-MEPA li johrog permess favur id-Direttur Generali Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd, l-istess ligi li tirregola l-funzjoni tal-MEPA tipprovdi rimedju ta' appell ghal quddiem il-Bord tal-Appell, u wara appell iehor, fuq punt ta' dritt, ghal quddiem din il-Qorti, Sede Inferjuri. L-ewwel Qorti qieset ukoll li, fil-fatt, l-atturi ghamlu uzu minn dawn ir-rimedji moghtija bil-ligi, u kwindi rrifjutat li tikkonsidra l-ilmenti taghhom taht l-artikolu 469A invokat.

L-atturi appellaw bl-aggravju li jkun li r-rimedju stabbilit mil-ligi ntilef mhux tort taghhom, u kwindi m'ghandux jigi eskluz li l-qrati ordinarji jistharrgu l-ghemil amministrattiv

ta' organu hekk importanti ghas-socjeta` Maltija bhalma hu l-MEPA.

Li gara f'dan il-kaz kien li meta l-applikazzjoni tad-Direttur Generali Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd giet ippubblikata biex min hu interssat joggezzjona ghaliha jaghmel dan fit-termini tal-ligi, l-atturi appellanti naqsu milli jirregistraw l-oggezzjoni taghhom. Skond huma dan sar peress li:
"*fil-mument li ssir applikazzjoni ma hux facli li min ikollu xi nteress fiha jittendi bil-publikazzjoni ta' tali applikazzjoni, u lanqas ma jkollu sentur tal-vera portata ta' dik l-applikazzjoni. Inoltre huwa evidenti li f'dak l-istadju bikri tal-applikazzjoni jkun impossibli ghat-terz li jivverifika li l-Awtorita` tkun ser tikkonforma ruhha ma' dak kollu li tiddetta l-ligi.*"

Wara li l-Bord tal-MEPA hareg il-permess relattiv, l-atturi ndunaw kif se jkunu affettwati u ressqu appell quddiem il-Bord tal-Appell li, bid-decizjoni tieghu, iddikjara l-appell null peress li biex terza persuna, u cioe`, persuna oltre l-applikant, ikollha dritt illi tinterponi appell quddiem il-Bord tal-Appell minn decizjoni mehuda mill-awtorita` fil-konfront tal-applikant, dan it-terz irid ikun ipprezenta s-sottomissjonijiet tieghu quddiem l-awtorita` fil-mori tal-ipprocessar tal-applikazzjoni u entro t-terminu stabbilit. Dan ma kienx sar mill-atturi, u l-appell taghhom quddiem il-Bord tal-Appell gie dikjarat null.

L-ewwel Qorti, bir-ragun fil-fehma ta' din il-Qorti, qalet li l-ilment principali tal-atturi kien kontra l-permess mahrug mill-MEPA. Il-ligi li tirregola dik l-awtorita` tipprovdi proceduri ta' kif u meta terza persuna tista' tinvolvi ruhha f'applikazzjoni ta' applikant u anke tappella minn kwalsiasi decizjoni marbuta ma' dik l-applikazzjoni. Dan hu rimedju reali u effettiv moghti lil kull terz interessat f'applikazzjoni ta' haddiehor, u jekk l-atturi appellanti odjerni naqsu milli japprofittaw ruhhom mir-rimedju partikolari provdut mil-ligi, ma jistghux wara jitolbu lill-dawn il-qrati jezercitaw il-gurisdizzjoni generali taghhom ta' stharrig gudizzjarju ta' ghemil amministrattiv. L-Artikolu 469A <u>ma japplikax</u> meta jezisti mod iehor ta' kontestazzjoni ghal ghemil

amministrattiv ipprovdut f'xi ligi ohra; dan hu precizament il-kaz tal-kawza odjerna, stante li qed tkun attakkata decizjoni tal-awtorita` konvenuta. Ghalhekk din il-kawza, stante li hi bbazata fuq l-Artikolu 469A, mhix proponibbli.

Fil-fatt, fil-kawza **Borg v. Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**, deciza minn din il-Qorti fit-8 ta' Mejju, 2003, intqal hekk dwar il-funzjoni tal-Bord tal-Appell u r-rimedji moghtija ghal min ihossu aggravat b'decizjoni tal-Bord tal-Awtorita`;

"*7. Jidher car li l-azzjoni odjerna tikkoncerna tentattiv biex il-Qrati ordinarji jistharrgu gudizzjarjament l-azzjonijiet amministrattivi li ttiehdu in konnessi mal-boat-house in kwistjoni kemm mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar u kemm ukoll mill-Kummissarju tal-Pulizija. Bhala tali, l-azzjoni odjerna taqa' fil-parametri tal-artikolu 469A tal-Kodici ta' Organinazzjoni u Procedura Civili (Kap 12), u partikolarment l-ewwel subartikolu tal-istess subartkolu, li jaghti lill-Qrati ordinarji l-gurisdizzjoni li jistharrgu l-validita` ta' xi ghemil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-ghemil null, invalidu u minghajr effett f'kazijiet specifici fosthom:*

*""Meta l-ghemil amministrattiv jikkostitwixxi abbuz ta' setgha ta' l-awtorita` pubblika billi dan isir ghal ghanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti."*

"*8. Madanakollu, ghandu mill-ewwel jigi rilevat li din il-gurisdizzjoni tal-Qrati ordinarji tinsab cirkoskritta u limitata bil-provvedimenti tal-istess ligi, fosthom ir-raba' subartikolu tal-istess artikolu 469A. Dan is-subartikolu espressament jimponi li d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 469A ma ghandhomx japplikaw meta il-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jigi pprovdut dwaru f'xi ligi ohra.*

"*9. L-eccezzjoni preliminari ta' l-appellanti Awtorita` ta' l-Ippjanar, dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-Qrati ordinarji li jisimghu u jiddeciedu l-mertu tal-kawza odjerna, hija evidentement bazata fuq dan ir-raba' subartikolu tal-artikolu 469A. Dan is-subartikolu effettivament jillimita l-*

*gurisdizzjoni tal-Qrati ordinarji ta' kompetenza civili biex jistharrgu l-validta` ta' xi ghemil amministrattiv ghal kazijiet fejn ma jkunx provdut b'xi ligi partikolari mod iehor ta' kontestazzjoni jew mod iehor li bis-sahha tieghu jkun possibli l-ksib ta' rimedju effettiv quddiem xi tribunal specjali jew Qorti li l-istess ligi tkun hasbet ghalih.*

"*10. Issa, fil-kaz odjern huwa fatt notorju li hemm ligi specjali li tirregola l-hrug tal-permessi tal-izvilupp, ezattament l-Att Nru 1 tal-1992, li inter alia ikkrejat makkinarju u proceduri ad hoc biex wiehed ikun jista' jikkontesta xi decizjoni u jew xi ghemil amministrattiv tal-Awtorita` tal-Ippjanar li bihom wiehed ikun qed ihossu li gie aggravat. Issir riferenza hawn, partikolarment ghat-tribunal independenti, cioe` l-Bord ta' l-Appell dwar L-ippjanar, imwaqqaf bis-sahha tal-Artikolu 14 tal-imsemmi Att tal-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp. Dan il-Bord inghata, inter alia, il-gurisdizzjoni specifika li jisma u jiddeciedi appelli maghmulha minn min ikun ihossu aggravat b'decizjoni tal-Awtorita` tal-Ippjanar dwar kull haga ta' kontroll ta' zvilupp, inkluz it-twettiq ta' dak il-kontroll. L-Artikolu 15 jipprovdi wkoll li d-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali, hlief dwar punti ta' dritt decizi mill-istess Bord li minnhom inghata dritt ta' appell lil din il-Qorti ta' l-Appell.*"

L-ilmenti li qed iressqu l-appellanti f'dawn il-proceduri kienu ilmenti li tqeghdu jew setghu tqeghdu ghall-konsiderazzjonijiet tal-Bord tal-Awtorita` u, wara, tal-Bord tal-Appell. Il-fatt li r-rikorrenti naqsu milli jsegwu l-procedura stabbilita biex ikunu jistghu jsemmu lehinhom fil-process, ma jaghtihomx dritt li jinvokaw il-gurisdizzjoni generali ta' dawn il-qrati (ara wkoll **Kunsill Lokali Birzebbuga v. Awtortia` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Lulju, 2004, u l-gurisprudenza hemm indikata).

Gara`, pero`, li fil-mori ta' dan l-appell, din il-Qorti, Sede Inferjuri, tat is-sentenza fuq l-appell li ressqu r-rikorrenti kontra d-decizjoni tal-Bord tal-Appell. Fis-sentenza taghha tal-10 ta' Dicembru, 2008 (ara l-verbal tal-udjenza tat-12 ta' Mejju 2009), din il-Qorti annullat id-decizjoni tal-

istess Bord tal-Appell wara li qieset li in-nuqqas tal-atturi odjerni li jressqu s-sottomissjonijiet taghhom fit-terminu stabbilit kien gustifikat, fid-dawl tal-fatt li l-pubblikazzjoni tal-avviz tal-applikazzjoni tad-Direttur Generali Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd kienet difettuza, peress li s-sit gie, f'xi okkazjonijiet, indikat bhala li jinsab barra Marsaskala flok Marsaxlokk. Il-Bord tal-Appell gie ordnat jirrikonsidra l-kaz mill-gdid u, ghalhekk, issa li giet solvuta l-problema procedurali li kienet qed timpedixxi lill-atturi milli jressqu l-ilmenti taghhom ghall-konsiderazzjoni tal-Bord tal-Appell, l-istess rikorrenti jistghu jipprocedu bil-kaz taghhom quddiem l-imsemmi Bord tal-Appell. Dan l-izvilupp jikkonferma mhux biss li r-rikorrenti kellhom rimedji ohra moghtija b'ligi, izda li utilizzaw dawk ir-rimedji u li l-kaz taghhom qed jinghata d-debita attenzjoni kif trid dik l-istess ligi partikolari.

L-appellanti qed isostnu wkoll li, fil-konfront tal-intimati l-ohra, huma talbu rimedju wkoll, u dan biex tigi revokata l-ordni ta' relokazzjoni li ttiehdet wara l-hrug tal-permess impunjat. Din il-Qorti, pero`, tirrileva li, kif jammettu l-istess appellanti, din id-decizjoni ittiehdet, f'dan il-kaz bhala "<u>decizjoni konsegwenzjali</u>" tal-hrug tal-permess mill-MEPA. Fil-permess li ghandhom l-atturi, hemm kontemplat ir-relokazzjoni tal-operazzjoni, pero`, f'dan il-kaz, id-decizjoni meritu ta' din il-kawza ittiehdet bhala konsegwenza tal-permess mahrug mill-MEPA, liema permess issa qieghed jigi attakkat quddiem il-Bord tal-Appell. Fi kliem iehor, ir-rikorrenti mhux qed jattakkaw id-decizjoni ta' relokazzjoni *ut sic*, izda dik id-decizjoni li ttiehdet <u>per konsegwenza tal-permess il-gdid</u> mahrug mill-MEPA. La darba dak il-permess il-gdid qed jigi kontestat validament, id-decizjoni ta' rilokazzjoni <u>marbuta mal-hrug ta' dak l-istess permess</u> ghandha titqies sospiza, pero`, ma tistax titqies, kif qed jitolbu r-rikorrenti, wahda abbuziva u bi ksur tal-istess kondizzjonijiet tal-permess, ghax it-talba ghal hrug tal-permess a favur id-Direttur Generali Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd ghadha qed tigi investigata u kwindi, la wahda u lanqas l-ohra, ma jistghu, <u>f'dan l-istadju</u>, jigu dikjarati irriti u nulli.

Kwantu ghall-aggravju, pjuttost sekondarju, tal-appellanti li l-eccezzjoni tal-improponibilita` tal-azzjoni taghhom tressqet biss mill-MEPA u mhux ukoll mill-konvenuti l-ohra, dana l-aggravju hu manifestament infondat. A skans ta' hafna kliem zejjed din il-Qorti taghmel referenza ghall-eccezzjoni numru 3 tal-konvenuti l-ohra (fol. 203), riprodotta wkoll fis-sentenza odjerna.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-atturi billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez in prim istanza jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti, waqt li dawk ta' din it-tieni istanza jithallsu kollha mill-atturi appellanti in solidum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------